~~U x'ingħid mill-għasel tiegħek,~~
~~Liema bniedem ma jfaħħrux?~~
~~Jekk iduru d-dinja kollha~~
~~Oħla minnu ma jsibux.~~

~~Fik il-qronfla, fik il-warda~~
~~Biex tħawwilhom l-anġli ġiet;~~
~~Imkien ġmielhom, imkien bħalhom,~~
~~Fihom riħa tas-smewwiet.~~

~~Ġewwa fik, o Għira tagħna,~~
~~Hlief il-ħlewwa ma tidhirx;~~
~~U kif le, jekk ismek, ismek~~
~~Hlief il-għasel ma jfissirx?......~~

## IL-PORT TA' MALTA

Fost il-ħwejjeġ sbieħ li għandna
Għandna l-Port bil-wisq imfaħħar;
Mhux għal xej' tara l-barrani
Li għal ġmielu jibqa' msaħħar.

Mill-iswar li lilu jdawru
Ma tikxiflu kullimkien;
Ġo fih tara bħala dgħajjes
L-isbaħ, l-ikbar, l-aqwa ġfien.

Tul u wisa' u ilma għali
Fih kemm trid u kemm tixtieq,
Sa minn barra tasal ġewwa
Tista' tgħid l-ixxabba' t-triq.

Ġewwa fih għad li Port wieħed
Inti tara erba' daħliet,
Li jgħodduhom fi bliet oħra
Sa mill-isbaħ portijiet.

L-ogħla swar, l-iżjed qawwija
Ġewwa nofshom igħalquh,
Jekk xi għadu jrid fih jidħol,
Minn wisq bgħid huma jżommuh.

Ara x'dell fil-baħar waqqgħu
Ta' Sant'Anġlu l-għolja swar,
Halli jersqu taħt ħitanek,
O Sant'Anġlu, ġ-ġfien il-kbar!

Dwar l-elf sena ilhom mibnija
U mfaħħrin dawk il-ħitan;
Meta nbnew l-Ewropa kollha
Ma kelliex kastell bħal dan.

F'nofs il-Port Sant'Anġlu l-qawwi
Bħala ġgant li jindukraħ;
Ir-Rikażli l barra minnu
Sabiħ qawwi wkoll taraħ.

Ma nsemmix ebda ġmiel ieħor.
Li f'dal-Port jien nista' nsib:
Iżda lè sbuħija kbira
Xi ħaġa oħra l'lu ġġib.

Hu sabiħ, iżda ġmiel iżjed
U iżjed żina min jatih?...
Huma ġ-ġfien tal-Ingilterra
Meta jkunu ġewwa fih.

Lejhom ħares, lilhom tara,
Bħala slaten minn tal-baħar,
Tgħid ikollok: "L-Ingilterra
Tassew għandha biex tiftaħar".

Tara dieħla l-"Queen Victoria"
Donnu l-Port ferħan jilqagħha;
Hi fi' ġmiel, u żżidlu żina
U hu jkabbar il-ġmiel tagħha.

Tara Ġifen minnu ħiereġ
Taħt il-qlugħ bojod ħamiema,
Ilma l-Port quddiemu jilgħab
U tistħajlu jtih is-sliema.

Ġo dal-Port iġ-ġfien qawwija
Ta' Vittorja (li tħennina!)
Ġo dal-Port minn mindu daħlu
Alla laqqa' l-ġmiel maż-żina.